31 ta' Jannar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Lt. Col. Roger Stricklad et. *versus* David Shephard

**Bejgħ — "Hire Purdhase System" — Klawsola Penali — Purgazzjoni tal-Mora — Patt Kommissorju — Art. 1165 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-kuntratt ta' bejgħ bil-"Hire Purchase System" huwa kuntratt ta' bejgħ taħt kondizzjoni sospensiva "**donec proetium solvitur**", u bir-riżerva tad-dominju; għalhekk il-ħaġa ma tgħaddix fil-proprjetà tax-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. U għalhekk, meta l-bejjiegħ jitlob lura l-oġġett mibjugħ bil-"hire*

*purchase system", għax ix-xerrej ikun naqas mill-osservanza tal-kuntratt, huwa ma għandux bżonn jippremetti għat-talba għar-restituzzjoni ta' l-oġġett it-talba għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tawtorizza l-Qorti li timmodera l-effetti tal-klawsola penali ma hix applikabili fil-kuntratt ta' bejgħ taħt il-"hire purchase system".*

*Langas hija permissibili f'kuntratt simili l-purgazzjoni tal-mora; għax il-purgazzjoni tal-mora tista' tingħata biss meta l-patt kommissoriu huwa taċitu, u mhux meta huwa espress.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi bi skrittura privata tal-20 ta' Lulju 1948 (dok. A) il-konvenut irċieva minn għand id-ditta attriċi, taħt ftehim ta' "hire purchase", Cinema Equipment, tip F.P.C., tal-marka "Philips", komplit bl-aċċessorji, kif deskritti fl-iskeda annessa ma' l-iskrittura, taħt il-patt illi l-prezz kellu jkun ta' £1900, liema prezz kellu jitħallas billi l-konvenut iħallas kull nhar ta' Tlieta t-30% mill-inkassi netti taċ-Cinema Diana Theatre, Vittoriosa, taħt il-patt illi l-istess "equipment" għandu jibqa' proprjetà tad-ditta attriċi sakemm jitħallas il-prezz kollu stipulat u l-imgħaxijiet relativi, u taħt il-patt illi ġie riżervat lid-ditta attriċi d-dritt li żżarma u tieħu lura l-istess "equipment" fin-nuqqas da parti tal-konvenut fil-ħlas ta' tliet pagamenti konsekutivi kif stipulati, f'liema każ il-konvenut ma jkollux dritt għar-rifużjoni tal-pagamenti li jkun għamel sa dak iż-żmien, u taħt il-kondizzjonijiet l-oħra kollha b-istess skrittura indikati; u illi bi skrittura privata oħra ta' l-1 ta' Novembru 1949 (dok. B) il-konvenut irċieva minn għand id-ditta attriċi, taħt ftehim ta' "hire purchase system", Cinema Equipment tip F.P.C., tal-marka "Philips", komplit bl-aċċessorji, deskritti fl-iskeda annessa ma' l-istess skrittura, taħt il-patt illi l-prezz kellu jkun ta' £2300, u kellu jitħallas billi l-konvenut iħallas lid-ditta attriċi, kull nhar ta' Tlieta, it-30% ta' l-inkassi netti tal-Pavilion Theatre, Bir id-Deheb, u taħt il-pattijiet l-oħra simili għal dawk imsemmijin dwar il-kuntratt preċedenti u kontenuti fl-istess skrittura (dok. B); illi, kif jidher mill-prospett dok. C., il-konvenut ma ħallasx regolarment ir-rati skond kif ġie miftiehem, u difatti, għal dak li jirrigwarda r-rati li kellhom jitħallsu mill-inkassi taċ-Cinema Diana huwa sal-lum ħallas

biss £1155. 7. 11, billi l-aħħar pagament għamlu fl-20 ta' Novembru 1949, u in kwantu għar-rati li kellhom jitħallsu mill-inkassi tal-Pavilion Theatre, il-konvenut sal-lum ħallas biss £22. 15. 11, billi l-aħħar pagament għamlu fl-14 ta' Diċembru 1949; illi b'hekk id-ditta attriċi għandha d-dritt, fiż-żewġ każi, biex iżżarma u tieħu lura l-"equipment"; u talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, (1) il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti dikjarat inadempjenti di front għad-ditta attriċi, billi naqas, relativament għaż-żewġ skritturi tal-20 ta' Lulju 1948 u ta' l-1 ta' Novembru 1949, milli jagħmel il-pagamenti pattwiti għal aktar minn tliet darbiet konsekutivi, u (2) konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat jikkonsenja lid-ditta attriċi, fi żmien qasir u perentorju li jiġi fissat mill-Qorti, iċ-"Cinema Equipments" indikati fuq, li jinsabu installati u mqiegħda fid-Diana Theatre, Vittoriosa, u fil-Pavilion Theatre, Bir-id-Deheb, bl-aċċessorji kollha indikati fl-iskeda annessi ma' l-iskritturi Dok. A u B; billi jiġi deċiż ukoll li ż-żarmar u r-rimozzjoni ta' l-istess "equipments" għandhom isiru mid-ditta attriċi a spejjeż tal-konvenut;

B'riżerva tad-drittijiet kollha li l-atturi għandhom, jew jista' jkollhom, għar-rati skaduti, kif fuq indikat, għall-imgħax, u għal danni li jistgħu jsofru minħabba ħsara jew nuqqas fl-"equipments" in kwistjoni, u rati oħra talvolta dovuti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fol. 15, li fiha dan qal li qabel xejn l-atturi messhom talbu r-riżoluzzjoni ta' l-imsemmi bejgħ, u għalhekk it-talbiet, kif dedotti, ma humiex sostenibili; illi, bla preġudizzju ta' din l-eċċezzjoni, il-ftehim ta' dekadenza bit-telfa taż-żewġ apparati u ta' dak li l-konvenut ikun ħallas jammonta għal obligazzjoni bi klawsola penali, u għalhekk din il-Qorti għandha timmodifika l-piena, b'mod speċjali meta d-debitur ikun eżegwixxa fil-maġġjor part tagħha l-obligazzjoni, u l-kreditur ikun espressament aċċetta l-parti eżegwita; illi fuq l-ewwel apparat l-eċċipjent ħallas akkont £1205, u mhux £1155 kif allegat mill-atturi;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Il-preġudizzjali mhijiex sostnuta. Huwa risaput illi l-

kuntratt li sar bejn l-partijiet, li l-lum huwa komunissimu fil-kummerċ lokali, huwa dak ta' "hire purchase", ossija vendita b'sistema lokatizju, li huwa kuntratt ta' bejgħ, iżda taħt il-kondizzjonijiet sospensiva "donec proetium solvitur", birriżerva tad-dominju; u għalhekk il-ħaġa ma tgħaddix in proprjetà għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Għalhekk ma hemmx lok għat-talba tar-riżoluzzjoni tal-bejgħ, għaliex, jekk il-kondizzjoni sospensiva ma avveratx ruħha, kif inhu allegat, allura bejgħ ma kienx hemm. Id-domanda kif formulata hi għalhekk suffiċjenti;

Il-konvenut ġieb kwistjoni fuq l-ammont imħallas. L-atturi eżibew il-prospett fol. 26, konfermat bix-xhieda ta' l-impjegat Bartolo Parnis fol. 30. L-importanti għal dina l-kawża (partikolarment peress li l-ammont huwa msemmi fil-premessi, u mhux għall-finijiet ta' xi domanda, dwaru, speċifika), hu illi l-konvenut inkorra fid-dekadenza stipulata. Kwantu għat-talba tal-konvenut għall-modifika tal-piena, i-Imħallef sedenti jirritjeni li l-ġurisprudenza ċitata fid-dikjarazzjoni tal-konvenut, li tagħmel kap għall-art. 1165 Kodiċi Ċivili Kap. 23, ma hijiex applikabili fil-każ ta' kuntratt ta' "hire purchase". Dan ma hux kuntratt bi klawsola penali. Il-klawsola penali, kif inhu risaput, għandha bħala wieħed mill-karattri tagħha li hija konvenzjoni ta' indoli aċċessorja, u l-iskop tagħha hu li tikkostitwixxi indennizzazzjoni konvenzjonali (antiċipatament kalkolata) tad-danni (ara Giorgi, Vol. IV, para. 448 et seq.). Fil-kuntratt tal-"hire purchase", il-konsegwenzi ta' l-inadempiment ma jirrappreżentawx l-kwidazzjoni preventiva tad-danni, imma huma "parti missustanza" ta' dan il-kuntratt "sui generis", u huma l-effetti tal-"pactum reservati dominii", li huwa l-element bażilari tiegħu, u mhux element aċċessorju. Kif inhu magħruf, dan il-kuntratt ġie introdott minn dak li l-Vivante jsejjaħ opportunament "l'industre accorgimento dei commercianti", sabiex jissodisfa l-bżonnijiet krexxenti tal-kummerċ u jissupera l-ostakolu tas-solvibilità ta' l-akkwirent. Il-garanzija tikkonsisti fil-"pactum reservati dominii". Min ma għandux immedjatament disponibili l-mezzi biex jixtri, jakkwista l-istess l-oġġett, u jħallsu sabiex iħallas prezzu; sid l-oġġett jevita r-riskju ta' l-insolvibilità eventwali. Dan l-espedjent

hu bażat fuħ kalkolu tar-rati b'mod li dawn ikunu kera ġust għall-godiment tal-ħaġa, fil-każ li ma jkunx hemm il-verifika tal-kondizzjoni sospensiva ("solutio proetii"), bis-sovrappjù ta' l-interessi u tar-riskju (element anki ġust, ladarba sid l-oġġett ma jkunx qiegħed idaħħal il-prezz f'salt u jkun qiegħed jirriskja li l-ħaġa tiddeterjora ruħha), u b'mod li l-istess rati jkunu, meta u jekk imħallsa kollha, jirrappreżentaw globalment il-prezz ġust tal-ħaġa b'dak is-sovrappjù. Dan il-kalkolu, kieku kellha tiġi ammessa l-moderazzjoni mitluba mill-konvenut, kien jiġi newtralizzat b'mod li kuntratti simili kienu jsiru impossibili, bi preġudizzju tal-kummerċ;

Lanqas hu l-każ li wieħed jippermetti l-purgazzjoni tal-mora; għaliex, appart l-inapplikabilità ta' indulġenza simili għal kuntratt "sui generis", kif inhu dan, hemm anki l-ostakolu li din il-purgazzjoni tista' tingħata biss meta l-patt kommissorju hu taċitu, u mhux meta jkun espress (Kummerċ "Vincenti vs. Farrugia", 31. 1. 1933);

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talbiet, u għall-finijiet tat-tieni talba tipprefiġgi lill-konvenut żmien xahar mil-lum. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.